MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1739/2003

**Hal Mann Limited**

**vs**

**Anthony Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta’ Settembru 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u erba’ u ghoxrin centezmu (Lm583.24) rappresentanti bilanc minn somma akbar u rigwardanti l-valur ta’ provvista u tqeghid ta’ madum tac-ceramika, liema materjal u xoghlijiet gew forniti mis-socjeta’ attrici lill-konvenut fuq inkarigu tieghu ai termini ta’ ftehim datat 15 ta’ Dicembru 2000.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Martin Vella in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u erba’ u ghoxrin centezmu (Lm583.24), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------